MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 85/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Bonello)

Vs

Publius Said

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-perjodu ta' bejn it-12.7.02 u d-29.7.2002 f'dawn il-Gzejjer meta hekk ordnat minn xi Qorti jew hekk marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Josephine Said is-somma ta' LM60 iffissata fil-gimgha minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha, fiz-zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dik il-Qorti (Digriet tas-Sekond'Awla datat 12.8.1999 mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Filletti B.A., LL.D) jew dak il-kuntratt kellu jhallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 t'April, 2003, li biha wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-piena ta' hamsa w ghoxrin Liri Maltin (LM25) ammenda.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta' Mejju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' : l. li fl-ewwel lok ic-citazzjoni pprezentata mill-Pulizija qatt ma setghet tirrizulta ghaliex tirriferi ghas-somma ta' LM60 fil-gimgha liema somma ma gietx iffissata mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili imma din hija somma pretiza arbitrarjament u "ex parte" mill-Prosekuzzjoni . Di fatti s-Sekond' Awla kienet iffissat retta alimentarja ta' L:M75 ghall-martu u ghall-minuri Nicola Said komplessivament ; 2. Illi dak id-Digriet kellu jkollu effett biss sakemm il-minuri tibqa' fil-fatt minuri ; 3. Illi l-akkuza kif dedotta qatt ma setghet tigi pruvata lanqas fil-kamp civili ahseb u ara fil-kamp kriminali meta l-prova rikjesta trid twassal sal-grad tal-konvinciment morali .

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2003, fejn il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li f'din il-kawza sa dak in-nhar l-appellant kien ghadu ma hallas xejn ; illi ll-minorenni Nicola Said saret maggorenni fis-26 t' April, 2002 u li sa dak in-nhar kien ghad ma hemmx digriet ta' xi Qorti ohra li jvarja d-Digriet originali tas-Sekond' Awla tat-12 t' Awwissu, 1999 imsemmi fic-citazzjoni .

Rat ukoll il-verbal ulterjuri tal-istess data li bih l-appellant iddikjara li hu kien ghamel rikors fit-28 ta' Gunju, 2002 quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili li quddiemha huma pendenti l-proceduri tas-separazzjoni , fejn talab varjazzjoni tad-Digriet tas-Sekond' Awla izda bla ebda ezitu favorevoli sal-lum u rat ukoll il-kopji tal-atti gudizzjarji

li jsostnu din l-allegazzjoni li gew esebiti bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni w d-difiza;

Rat ukoll il-verbal li bih il-parte civile iddikjarat illi hi sa dak in-nhar ma pprezentat l-ebda rikors biex titlob il-varjazzjoni tad-digriet originali ;

Rat il-verbal ulterjuri li bih , wara l-intervent ta’ din il-Qorti w bil-ko-operazzjoni shiha tal-Avukat Difensur, l-appellant, bla pregudizzju ghal dan l-appell u ghall-appelli l-ohra kollha , offra lil martu b’ effett mill-ghada hlas ta’ LM50 fil-gimgha bla pregudizzju ghall-kwistjoni ta’ kemm hi ghandha tiehu manteniment ghall-periodu kollu mis-26 t’ April, 2002 sall-lum u li bih obbliga ruhu li jhallas kull ma kellu jhallas sas-26 t’ April, 2002, bir-rata ta’ Lm75 fil-gimgha. Kif ukoll impenja ruhu, li permezz ta’ l-Avukat tieghu Dottor Pierre Lofaro li sal-ghada jeffettwa l-pagament tal-arretrati kollha bla pregudizzju dovuti sa dak in-nhar liema hlas kellu jsir fl-edificcju tal-Qorti fil-11 a.m. fit-tieni sular , liema hlas kellu jkun akkompanjat minn prospett li juri kif gew mahduma l-arretrati u b’dana li sal-ghada fl-12.00 a.m. jipprezenta nota fejn jiddikjara li l-hlas gie effettwat u b’kopja tar-ricevuta li tkun tatu l-parte civili bla pregudizzju w kopja tal-prospett li juri kif sar il-hlas.

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li jigu esebiti r-rikorsi kollha li kienu saru quddiem il-Prim’ Awla fuq din il-kwistjoni mis-26 t’ April, 2002 sal-lum u li l-kopji informi tal-istess jittiehdu bhala awtentici.

Rat in-nota tal-appellant ta’ l-4 ta’ Lulju, 2003 li biha esebixxa ricevuta ffirmata minn martu ghas-somma ta’ LM2455 kif ukoll prospett li juri kif inhadmet din is-somma ;

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tal-istess seduta;

Ikkonsidrat ;

Li dwar il-fatti tal-kaz irrizulta li l-konjugi Said li jinsabu fi proceduri ta’ separazzjoni , ghandhom tifla minuri Nicola Said li saret maggorenni fit-28 ta’ April, 2002. Illi peress li

d-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, tat-12 t' Awwissu, 1999 – kuntrarjament ghal dak li jsir is-soltu – ma kienx jispecifika kemm mis-somma tal-alimenti provizorji akkordati minnha kien ghall-bzonnijiet ta' mart l-appellant u kemm ghal dawk tal-minuri , nqalghet vertenza dwar kemm allura kellu jibqa' jhallas manteniment l-appellant una volta li bintu ma baqghetx minuri . Minhabba f'hekk u minhabba f' xi pika ohra dwar xi kontijiet domestici, l-appellant issospenda kull hlas kwalsiasi ta' alimenti lil martu w din kellha tirrikorri biex titlob l-assistenza socjali . Saru numru ta' kawzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tista' tghid ghal kull xahar jew hmistax il-jum tal-inadempjenza allegata tal-appellant sal-lum u din il-kawza hija biss wahda minnhom .

Konkomitantement ma dawn il-kawzi kriminali , l-appellant ghamel rikors biex jikseb varjazzjoni tad-digriet tas-Sekond' Awla fuq imsemmi , izda l-affarijiet ikkomplikaw ruhom u anki nonostante li sar rikors iehor fl-istess sens, sal-lum id-Digriet originali tas-Sekond' Awla baqa' invarjat.

Illi kien biss fl-4 ta' Lulju, 2003, wara l-intervent ta' din il-Qorti fuq imsemmi, li l-appellant hallas lill martu bla pregudizzju somma li ukoll giet accettata bla pregudizzju ta' LM2455 biex taghmel tajjeb ghal kull arretrati mhux biss ghall-periodu imsemmi fic-citazzjoni f' din il-kawza b'rata ta' LM50 fil-gimgha, izda ukoll biex taghmel tajjeb ghall-periodi msemmija f'kawzi ohra li ser jigu decizi llum u effettivament sal-4 ta' Lulju, 2003.

Illi l-ewwel aggravju li jrid jigi trattat hu dak li jirrigwarda l-korrettezza o meno tal-kliem tac-citazzjoni jew komparixxi . L-appellanti fir-rikors tieghu jghid li c-citazzjoni kif prezentata mill-Pulizija qatt ma setghet tirrizulta ghaliex is-Sekond' Awla qatt ma iffissat alimenti ta' Lm60 ghall-mart l-appellant imma somma ta' LM75 fil-gimgha pagabbli bil-quddiem u komplessivament ghall-martu u bintu minuri . Illi fil-waqt li dan hu minnu u li s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili qatt ma semmiet is-somma ta' LM60 imma somma akbar ta' LM75, jidher li l-istess mart l-appellant hasset li kienet intitolata ghall-inqas minn hekk una volta li bintha saret maggiorenni w ghalhekk , b' mod xejn preciz

legalment , meta pprocediet bil-Pulizija semmiet biss LM60 .

Din il-Qorti tifhem li rinfaccata bid-dilemma dwar jekk id-digriet issa kellux jigi varjat una volta li t-tifla saret maggiorenni , mart l-appellant setghet kienet indeciza x’ammont kien precizament dovut lilha u dan jispjega kif harget is-somma ta’ LM60 minnflok LM75. Mill-banda l-ohra ,in vista ta’ dak li ser jintqal aktar ‘l isfel f’ dis-sentenza , kien ikun ahjar kieku l-kwerelanti semplicement ghamlet riferenza ghad-Digriet tas-Sekond’ Awla minghajr ma semmiet ammont li – kif ben jissottometti l-appellant – kien wiehed arbitrarju , ghalkemm dejjem inqas minn dak lilha akkordat bid-Digriet imsemmi .

Din il-Qorti pero’ thoss u tirritjeni li nonostante l-inezattezzi w difetti fl-istezura tac-citazzjoni , l-appellant kien jaf sew biex qed jigi akkuzat w li tali inezattezzi ma naqqsulux mid-dritt tieghu li jkun jaf b’hiex ezatt qed jigi akkuzat w dan biex jkun jista jipprepara d-difiza tieghu. Di fatti ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwar liema digriet li jirregola d-dritt tal-alimenti kien qed jigi invokat , b’ mod li l-appellant setgha tfixkel meta gie biex jiddefendi ruhu . Illi lanqas jidher li kien hemm xi konfuzzjoni f’mohh l-appellanti dwar id-dati li fihom kien qed jigi akkuzat li naqas li jhallas l-alimenti w dawn id-dati kienu cari fil-komparixxi w ladarba kienu stabiliti l-granet , l-ammont dovut kien isegwi wahdu skond id-Digriet tal-Qorti esebit . Di fatti l-appellant deher u ikkontesta il-kawza principalment fuq il-fatt li d-digriet tas-Sekond’ Awla ma kienx ghadu vinkolanti fuqu ghaliex kienu tbiddlu l-kondizzjonijiet meta bintu saret maggorenni .

Illi kif gie dejjem ritenut minn dawn il-Qrati ,c-citazzjoni fil-kawzi sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ gudikatura Kriminali hija biss “un’ avviso a comparire” u bizzejjed li fiha jkun hemm dettalji li ma jhallu ebda dubju f’ mohh l-akkuzat ta’ xhiex qed jigi mixli. Di fatti l-artikolu 360 tal-Kap.9 jiddisponi li c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza , bil-partikolaritajiet ta’ zmien u ta’ lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu

jinghataw . Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghalhekk , apparti l-konsiderazzjonijiet jekk id-Digriet kienx ghadu vinkolanti jew le u jekk l-ammont imsemmi fid-digriet kienx fil-fatt addirittura akbar minn dak imsemmi fic-citazzjoni , c-citazzjoni kif abbozzata kellha l-elementi rikjesti biex tinstab htija skond l-artikolu 338 (z) tal-Kap. 9 . Konsegwentement setghet tinstab htija kontra l-appellant ghal din il-kontravvenzjoni minkejja l-inezattezza fl-ammont ghaliex wara kollox din il-Qorti mhux ser tikkundanna lill-appellant ihallas l-ammont tal-alimenti – li hu jista’ qed jikkontesta – imma ser issibu hati biss li ma hallasx l-alimenti – huma kemm huma – li suppost kellu jhallas skond id-digriet tas-Sekond’ Awla esebit mac-citazzjoni.

Lanqas ma jista’ jobbjetta l-appellant li l-ammont hu rilevanti ghax hu kien hallas xi ammont iehor li mhux dak kontenut fic-citazzjoni ghaliex fil-fatt sal-4 ta’ Lulju, 2003 hu kien baqa’ ma hallas xejn.

Illi dwar l-aggravju li l-appellant ma kienx ghadu marbut bid-Digriet originali tas-Sekond’ Awla wara li bintu saret maggiorenni , din il-Qorti terga ttenni dak li diga’ gie ritenut minnha diversament preseduta u kif ukoll kif preseduta (ara Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Jacqueline Zammit” [15.5.03] w cioe’ li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed , inkella facilment f’kawzi bhal dawn , fejn ikun hemm element qawwi ta’ pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli , din il-Qorti tigi ridotta f’ Qorti ta’ appell mid-digrieti tal-Qrati Civili . Ir-rimedju ta’ min ikun ihossu aggravat b’ xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access, mhux li jiehu l-ligi b’idejh , imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta’ xi kambjament fis-sitwazzjoni .

Fil-kaz in ezami jidher li l-appellant hass li martu ma kellhiex aktar dritt li tkompli tippercepixxi s-somma ta’ LM75 fil-gimgha bhala manteniment stante li bintu fil-frattemp kienet saret maggjorenni . Izda ghalkemm veru

rrikorra - ghalkemm mhux mall-ewwel - quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex jitlob li d-Digriet tas-Sekond' Awla jigi varjat ,qabad u ha l-ligi b'idejh w ma hallas xejn aktar .

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar " (2.9.1999) kienet irriteniet testwalment hekk :-

......"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (Pol. vs. Lawrence Cutajar - 10.3.1995 u Pul. vs. Carmelo Farrrugia 23.1.98 ) u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant . Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ………. kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "

"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-

1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz , jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza , kopja legali tas-sentenza relattiva.)

2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."

Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . "

Dik il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Mario Mallia" (8.5.1998) fejn ukoll gie ritenut :-

“....ghal finijiet ta’ kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil-
paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta’
separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali ; galadarba l-ordni
kontenut f’ dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul
mill-istess Sekond’ Awla jew mill-Prim’ Awla ( u salv il-prova ta’ rikonciljazzjoni jew ta’
dikjarazzjoni ta’ Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni
ghall-hlas tal-manteniment jibqa’ validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-
Kodici Kriminali -- ara f’dan is-sens “Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia (App. Krim. 10/3/95 ,
u l-Pulizija v. Carmelo Farrugia, App. Krim. 23.1.1998. Ghalhekk dan l-aggravju
qed jigi respint.”

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri” [18.9.2002] fejn ghamlet riferenza ghal-sentenza ohra ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta , (Appell Krim. Pul. vs. Anthony Saliba; 15.7.1998 ), fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta’ persuna li tisfa’ bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta’ natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant . Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi , tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment . U biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista’ jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir , jibqa’ marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .

Fid-dawl ta’ din il-gurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddecieda li ma jhallas xejn aktar u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati

gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu .

Mill-banda l-ohra pero' ghall-fini tal-piena din il-Qorti ma tistax tinjora li l-appellant kellu kull dritt jitlob mill-Qorti Civili kompetenti revizjoni tal-ammont minnu pagabbli lill-martu wara li bintu saret magorenni kif ukoll il-fatt li hu ilu li ghamel din it-talba sa minn Gunju, 2002 u li s'issa ghal ragunijiet li din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tidhol fihom , din it-talba ghad ma gietx milqugha . Hekk ukoll ghall-fini tal-piena din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-appellant wettaq ir-rakkomandazzjoni taghha li jhallas lil martu ammont sostanzjali ta' Lm2455., bla pregudizzju, kalkolat fuq retta alimentarja settimanali ta' LM50 b'mod li gie hekk aggornat f'dawn il-pagamenti mhux biss ghall-periodu imsemmi fic-citazzjoni izda sal-prezent.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta mtroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati , li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-pagament tal-ammont sostanzjali fuq imsemmi w ghalhekk din il-Qorti thoss li in vista ta' dan l-izvilupp tant pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell , hemm lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) u, minnflok, tikkundannah ghal ghaxar liri Maltin (LM10) ammenda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------